NEWSPAPER POST



# Il-Belt VICTORIA

Rivista maħruġa mill-Parroċċa ta' San Ġorġ • Għawdex

Marzu – April 1999

Nru. 106

## Messaġġ mill-Arcipriet

**Fit-23 ta' April il-Knisja tfakkar lil San Ġorġ Martri f'jum it-twelid tiegħu għall-glorja. It-twelid għall-glorja seħħ fil-martirju tiegħu għall-Fidi Nisranija u għall-imħabba ta' Ġesu' Kristu. Kien Kristu nnifsu li wiegħdna li jekk aħna nixhdu għalih quddiem il-bnedmin hu jixhed għalina quddiem il-Missier fis-sema. U akbar ma tkun is-sofferenza tax-xhieda fuq l-art akbar tkun il-glorja fis-sema.**

**Kbira kienet ix-xhieda ta' San Ġorġ fuq l-art, kemm fis-snin tal-ħajja żagħżugħa tiegħu kif ukoll fil-jiem tal-martirju tiegħu. U għalhekk li kienet tant kbira l-glorja li rċieva fis-sema u s-sebħ li bih ismu hu msebbaħ fuq l-art kollha.**

**Hi grazzja kbira din tagħna li għandna lil San Ġorġ bħala Protettur, Difensur u Patrun tagħna.**

**Ejjew, nhar il-Ġimgħa, 23 ta' April, niltaqgħu fil-Bażilika Ġorġjana biex niċċelebraw kif jixraq id-dies natalis (jum it-twelid) tiegħu għall-glorja. Ejjew ningħaqdu mal-Knisja Universali, fil-Lvant u fil-Punent, fit-tifħir li jixraq lil dan il-Megalomartri glorjuż. Ejjew nitolbu lil San Ġorġ biex jibqa jħarisna u jgħinna fil-mixja tagħna lejn is-sema.**

*L-Arcipriet.*

## JUM SAN ĠORĠ



### Tifkira Liturġika

**Il-Ħamis 22 ta' April 1999**
*Fis-6.5pm :* Għasar Solenni bil-kant Gregorjan u Polifoniku bis-sehem ta' l-Assamblea Liturġika.

**Il-Ġimgħa 23 ta' April 1999**
**JUM SAN ĠORĠ MEGALOMARTRI**
*Fis-6.30pm:* Konċlebrazzjoni Pontifikali preseduta minn Mons Isqof Nikol Cauchi, Isqof t'Għawdex u Dekan tal-Kapitlu Ġorġjan.
*Fis-7.30pm :* Marċ brijuż tradizzjonali mill-Banda Ċittadina "La Stella" fit-toroq ta' madwar il-Bażilika.

Il-Ħadd 2 ta' Mejju 1999
*12.30pm:* L-ikla ta' Jum San Ġorġ - L-Imġarr Hotel.

# IL-BELT VICTORIA

RIVISTA TA' KULL XAHREJN

Uffiċċju Editorjali:
CENTRU PARROKKJALI SAN ĠORĠ
Triq il-Karita`, Victoria, Għawdex. • Tel : 55 63 77


## MEMBRI ĠODDA FIL-KOMUNITA` PARROKKJALI

**20.02.99: JUSTIN**
iben Victor Schembri u Giorgia nee' Cutajar

**06.03.99: RUTH**
bint John Xuereb u Lorenza nee' Camilleri

**06.03.99: NICHOLE**
bint Mark Anthony Sacco u Monica nee' Farrugia

**06.03.99: YANIKA**
bint Mario Farrugia u Roseanne nee' Attard

**19.03.99: AMY**
bint Mario Casha u Tanya nee' Camilleri

**20.03.99: GERARD**
iben George Tabone u Monica nee' Muscat

**03.04.99: GIORGIA**
bint Tonio Attard u Odette nee' Sammut

## MARRU JINGĦAQDU MA` KRISTU RXUXTAT

16.02.99:
Thomas Farrugia
22.02.99:
Carmena Farrugia
24.02.99:
Ġorġ Pisani
09.03.99:
Giannina Cilia
14.03.99:
Nazzerana Farrugia
20.03.99:
Roża Zammit

## IMISSHOM JISTĦU

Imisshom jistħu dawk li waqt il-manifestazzjonijiet tal-Karnival fi Frar li għadda wettqu għemejjel ta' skandlu pubbliku meta żżuffjettaw bir-Reliġjon Nisranija, bil-Knisja u bis-sentimenti reliġjużi tal-Poplu tagħna. Għadna qed nistennew il-passi ta' l-awtoritajiet konċernati.

***Il-Board Editorjali***

## MATTIA PRETI

Fl-okkażjoni tat-300 sena mill-mewt tal-pittur Mattia Preti, il-Fondazzjoni Belt Vittorja ser toħroġ platt taċ-ċeramika, impitter bl-idejn, li jaffigura l-kwadru titulari ta' San Ġorġ, xogħol Mattia Preti, li jinsab fil-Bażilika tagħna. Dan il-platt, li jinsab espost fil-Kappella ta' Santa Katerina, se joħroġ fin-numru limitat ta' 100. Kull min jixtieq jakkwista wieħed għandu jibbukkjah fl-Uffiċċju Parrokkjali u jħalli depożitu ta' Lm30.



## Editorjal

# NIĊĊELEBRAW

Fi ftit ġranet oħra niċċelebraw il-festa liturġika f'ġieħ il-patrun tagħna u ta' gżiritna San Ġorġ Martri. Dan ifakkarna fih, ix-xahar ta' April, u bir-raġun!

Il-festa liturġika li ser niċċelebraw fi ftit jiem oħra ser tkun l-aħħar waħda ta' dan il-millenju. Nistgħu ngħidu li minkejja s-snin li għaddew, mijiet u mijiet, imħabbet il-poplu tagħna lejn dan il-kbir Martri ta' Kristu u tal-Kristjneżmu kompliet tixgħel fi qlubna. Dan jixduh ta' qabilna u nistgħu nixduh aħna wkoll. Il-festi kbar li nagħmlu f'ġieħ San Ġorġ juru kemm l-Għawdxin u b'mod partikolari l-poplu ta' beltna għadu jgħożż il-patroċinju tiegħu.

Iżda l-festi kbar u l-entużjażmu m'humiex biżżejjed. Jeħtieġ li l-imħabba tagħhna jkollha għeruq fil-fond ta' qalbna li ebda kurrent modern jew ideat li jmorru kontra l-Fidi li għalija ħa l-martirju Ġorġl tagħna ma jċaqlaqna minn dak li nemmnu bħala nsara. Il-forzi tal-ħażen kibru bil-kbir madwarna. Bħala poplu ninsabu assedjati minn kull forza ta' tibdil, kemm jekk għat-tajjeb u kemm jekk għall-ħażin. Irridu nkunu aħna li nkunu konvinti mit-twemmin tagħna biex bħal Patrun tagħna nkunu kapaċi ngħidu le meta jkun hemm bżonn.

J'Alla l-festa li ser niċċelebraw, fejn kulħadd jixtieq jara lill-Ġorġjani kollha miġbura fit-tempju lilu ddedikat, tkun għalina ta' ħeġġa partikolari biex, filwaqt li nsaħħu t-twemmin tagħna, ngħaddu lill-uliedna mhux biss l-imħabba li għandu jkollhom lejn San Ġorġ, imma wkoll il-valuri Nsara li aħna u missirijietna trabbejna fihom u dejjem għożżejna.

### KULĦADD GĦALIH

Il-Belt Victoria nistgħu ngħidu li tinqasam bejn tlett Parroċċi. Kull waħda awtonoma bi tmexxija għalija waħidha skond kif titlob il-Liġi Kanonika. Ikun żball jekk xi ħadd jipprova jindaħal jew b'xi mod ifixkel xi inizjattiva ta' xi Parroċċa oħra. Safejn dak li jkun ikun qed jaħdem fl-għalqa tiegħu dan għandu jitħalla fil-liberta' li jaġixxi skond kif jara l-aħjar fl-interess ta' din jew dik il-parroċċa waqt li ma jeskludix l-interessi ta' l-abitanti l-oħrajn tal-Belt Victoria. Nittamaw li ħadd ma jkun aljenat minn xi partiġjanizmu sfrenat li jagħmi lil dak li jkun u ma jħallihx jara eżattament x'inhuma d-dmirijiet u d-drittijiet tiegħu. Jeħtieġ nimmaturaw!

# L-ISTRESS FIŻ-ŻGĦAŻAGĦ



Ħafna jistagħġbu li ż-żgħażagħ jistgħu jsofru minn stress. Ġeneralment naħsbu li ħaġa bħal din tiġri biss lil xi politikant imħabbat ħafna, lil xi negozjant kbir, lil min ikollu xi pożizjoni importanti, imma mhux liż-żgħażagħ. Il-fatt hu pero' li kulħadd jista' ibati minn xi stress, inklużi wkoll it-tfal.

Il-problema ta' din il-marda moderna hu li litteralment ma' tistax taraha, tismagħha jew tmissha. Kontra kull mard ieħor ma' tirriżultax f'xi test tad-demm. Imma dak li tagħmel lin-nies jista' jidher, jinħass u jinstama' għax hija marda qawwija biżżejjed li tista' iġġib magħha mard fiżiku jew psikoloġiku akbar. Riżultat ta' stress tista' ssofri minn uġigħ ta' ras u asthma sa indiġestjoni u għejja kbira. F'ċerti każijiet tista' tagħti lok għal xi attak tal-qalb, dipressjoni kronika jew twassal biex dak li jkun jikkummenti suwiċidju.

L-istress mhix xi ħaġa sabieħa, pero' lanqas jista' ikun li noqgħodu b'idejna fuq żaqqna u ma nagħmlu xejn. Anke minn jilgħab xi sports Ihoss ċerta stress biex jipprova jirbaħ, imma dan m'hu xejn. Il-problema tibda meta dak li jkun jibda jħoss li dak li qed jagħmel, jew qed jipprova jagħmel ma' jistax ilaħħaq miegħu. Fir-realta' jista' jagħti l-każ li dan ma' ikun minnu, u dan ikun biss għax tkun dik il-persuna partikolari biss li ma' tkunx tista' tlaħħaq ma' dik is-sitwaazjoni. Mhux kulħadd l-istess.

Ir-riżultat hu li dak jew dik li tkun, jirtira, jinqabad f'dispressjoni jew inkella jibda' jixrob jew idur fuq id-droga. Hemm min wasal ukoll għal suwiċidju. Infatti r-rata ta' suwiċidji fost Iż-żgħażagħ f'ċerti pajjiżi kibret b'mod allarmanti.

### KAWŻI KOMUNI

Iktar ma' jgħaddi ż-żmien iktar qed nirrealiżżaw li ż-żgħażagħ għandhom bżonn ħafna għajnuna f'dan ir-rigward. Kawżi komuni ħafna ta' stress fost iż-żgħażagħ huma:

- l-istudju,
- ir-riżultati ta' l-eżamijiet,
- nuqqas ta' xogħol,
- iħssuhom waħidhom,
- nuqqas ta' flus li jkollhom,
- nuqqas ta' għajnuna emozjonali,
- ġenituri li ma jifhmuhomx,
- għanijiet li ma jistgħux jintlaħqu,
- familji mkissra,
- xorb żejjed fil-familja,
- li jgħixu waħidhom.

Hemm ħafna kif wieħed jista' jgħin liż-żgħażagħ tagħna fis-soċjeta' ta' illum.Fl-iskejjel insibu counsellors u saċerdoti għall-għajnuna. Dawn suppost jgħinu lill-istudenti biex ikunu kapaċi jaffrontaw il-ħajja. Suppost li huma mħarrġa biex iktar jisimgħu milli jgħidu. Imma b'dispjaċir tinnota li n-nies inħarrġa f'dan il-qasam huma ftit wisq.

### X'GĦANDEK TAGĦMEL BIEX MA' IKOLLOKX STRESS:

**1. Tkellem**

In-nisa huma ġeneralment aħjar mill-irġiel f'dan. Tajjeb jingħad li meta tiftaħ qalbek ma' xi ħadd tkun ġa solvejt nofs il-problema. Li titkellem ma' xi ħadd joħorġok mill-iżolament li tkun qed tgħix fih, u jipprovdilek dik l-għajnuna u l-inkoraġġiment li mhux ser issibu band' oħra.

**2. Tgħallem għid "LE"**

Ħafna minna jibdew jaċċettaw kull impenn li jiġi quddiemhom. Kultant ma jkunx possibbli li tagħmel ċertu xogħol għax ma tkun tista' tlaħħaq. Trid tidra tgħid le f'ċerti ċirkustanzi. Ma trid titgħabba ż-żejjed. Jekk tidra terfa' kemm tiflaħ tkun żgur li ser tkampa.

**3. Kul bil-qies**

Jekk irridu nkampaw fil-ħajja rridu nieklu tajjeb. Dieta tajba u regolari hija essenzjali. Il-fast food għandna nevitawh kemm nistgħu. Ħaxix u frott fid-dieta tiegħek huma bżonn. Dawn jagħtuk l-enerġija li għandek bżonn u l-minerali u vitamini li teħtieġ. Evita l-alkoħol u kafeina, kull u għomod l-ikel bil-mod u jekk possibbli ixrob madwar 8 tazzi ilma kuljum.

**4. Kun attiv**

Biex Iżomm b'saħħtu l-eżerċizzju huwa ferm importanti fil-ħajja tal-bniedem. Iż-żgħażagħ għandhom jieħdu sehem f'kull kwalita' ta' sport. Għandek tagħmel xi forma ta' eżerċizzju għal madwar nofs siegħa ta' l-inqas erba' jew ħames darbiet fil-ġimgħa. Jekk tieħu sehem f'kompetizzjonijiet sportivi jkunlek ta' ġid ikbar. ●


WARA L-MARĊ
F'JUM SAN ĠORĠ
il-Ġimgħa, 23 t'April.
IKLA POPOLARI
FIL-KAŻIN
LA STELLA
Kbar: Lm3 • Tfal:Lm2

# L-AĦĦAR TISLIMA LIL ĠORĠ PISANI

*L-Omelija ta' Mons Arċipriet ir-Rev. Dr. Joseph Farrugia fil-funeral tal-Poeta Ġorġ Pisani nhar il-Ġimgħa 26 ta' Frar 1999*



*Mgr. Arċipriet Dr. J. Farrugia waqt l-omelija*

***De profundis clamavi ad te, Domine; Domine exaudi vocem meam. Minn qiegħ l-art insejjaħlek, Mulej; isma' Sidi, il-leħen tiegħi.*** (Salm 129)

Hija din it-talba tal-bniedem mgħakkes mill-hemm, imġarrab f'ġieħu, imċekken mit-temporalita' tiegħu, avvilit mill-mewt.

Imma hi wkoll it-talba tal-bniedem ittamat. Hi s-sejħa tal-bniedem li fit-tiġrib tiegħu għandu lejn min idur u fuq min jaqa'. Hi l-għajta ribelluża u l-protesta tal-bniedem li, għalkemm imsawwar fl-art u jrid mill-art, jaf li mhux ilsir ta' l-art.... Alla, li hu l-bidu tiegħu u t-tmiem tiegħu, huwa dejjem il-ħellies tiegħu, u għal kull tneħida li taħrab minn tuħu, tiġih ħħniena minnu, imil lelh u jerfgħu minn hemmu bl-imħabba tiegħu ta' Alla Missier.

Minn qiegħ l-art insejjaħlek, Mulej; isma', Sidi, il-leħen tiegħi.

Hi t-talba tiegħi u tagħkom, ħuti, u speċjalment ta' ħuna Ġorġ - illum bħal qatt qabel imġarrab fil-ġieħ, imċekken mit-tmporalita' ta' l-eżistenza umana fuq l-art, u avvelit mill-mewt, li hi sehem kull wieħed u waħda minna minħabba dnubietna.

Iva...ħuna, illum hu imċekken, imġarrab u avvelit bħal qabel fil-ħajja tiegħu mill-mewt, imma mhux b'daqshekk imneżża' mid-dinjita' tiegħu. Tabilħaqq Ġorġ hu llum imlibbes b'dinjita' ta' ħajja akbar minn qatt qabel: dinjita' tal-Ħajja Rebbieħa li tidher fil-mewt tan-Nisrani.

Inġbarna hawn, il-lejla, f'din il-Bażilika Nisranija,, ħuti, għeżież, sabiex hawn, fejn ftit inqas minn 90 sena ilu, ħuna rċieva l-bidu tal-ħajja fi Kristu bil-Magħmudija, illum niċċelebraw it-tama fil-miloja ta' din il-ħajja mwiegħda lilna minn Kristu nnifsu. Għalhekk din hi tabilħaqq ċelebrazzjoni tal-Komunita' Nisranija kollha, għax ilkoll nixorbu minn din it-tama, ilkoll nitfarrġu biha fil-hemm tagħna.

Imma hi fuq kollox ċelebrazzjoni ta' talba, ta' tislima, u ta' radd il-ħajr fil-mewt Nisranija ta' wieħed minn ħutna fil-Komunita' Parrokkjali tagħna, il-Poeta Ġorġ Pisani - hekk nafuh aħna, hekk tafu Malta kollha.

Figura ta' kultura kbira li bil-poeżija tiegħu naqqax ismu fil-personalita' ta' Malta u xiedha fil-ġmiel.

Ġorġ Pisani hu iben il-qawmien Romantiku ta' ġensna, ħlejqa tal-tal-movimenti u l-emozzjonijiet nazzjonali ta' l-ewwel nofs tas-seklu li qed jintemm, ħalliem mitmugħ mill-



*Il-Prim Ministru Dr. E. Fenech Adami jsellem lil iben il-poeta, in-Nutar Dr. George Paul Pisani*

ġrajjiet mistura tal-preistorja tagħna li fihom kien jara għeruq l-identita' ta' nisna, esploratur ta' l-ispirtu ta' Għawdex u rivelatur tiegħu, artist li fit-tpinġija viżjonarja tiegħu ħaddem b'sengħa raffinata l-kelma Maltija, qawsalla ta' lwien spiritwali f'dinja li qed titlef il-kuntant vitali mal-Verita' - il-Verita' ta' dak li qal: "Jien il-verita'" . Dinja li flok ixxandar u teżalta 'l Alla, ixxandar u teżalta lilha nnifisha b'tant torrijiet ta' Babel li qed iġibu firda, diżgwid, qerq u ħsara fostna.

Dan hu Ġorġ Pisani, il-bniedem ta' kultura, u x'aktarx aktar....

Ċittadin eżemplari li sa minn żgħożitu ngħata għas-servizz tas-soċjeta' Għawdxija. Kellu l-ħajja familjari tiegħu bir-responsabiltajiet marbuta magħha. Kellu wkoll l-ħajja pubblika tiegħu f'soċjeta' lokali wisq differenti minn ta' żmienna. Kien pijunier, flimkien m'oħrajn, fl-oqsma ta' l-edukazzjoni, l-istampa, it-tkattir tal-kultura popolari, it-tisbiħ tal-valuri morali u ċivili fil-ħajja soċjali, u l-valutazzjoni ta' l-istorja tagħna u tal-patrijotti tagħna. "Hekk għandu jkun iċ-ċittadin" kien jgħdilna Ġorġ Pisani,

ikompli f'paġna 6



*Il-President tar-Repubblika, l-Onor Prim Ministru, Mr. Speaker, l-Onor Ministru għal Għawdex flimkien ma oħrajn fil-funeral fil-Bażilika ta' San Ġorġ*

# ĠORĠ PISANI
## *Poeta Idealist*



*Kitba ta'* **Carm C. Cachia**

Jekk hawn poeta li jista' jirrappreżenta lill-gżira Għawdxija fil-qasam letterarju, dan il-bniedem hu, bla dubju ta' xejn, Ġorġ Pisani, kittieb prolifiku u persunaġġ li ħadem bi sħiħ għal art twelidu u għall-ilsien tagħha. Is-sehem ta' dan il-patrijott kbir Għawdxi fil-qasam tal-Malti, huwa xhieda li l-ħidma bla heda tiegħu għat-tagħlim u t-tkattir tal-Malti ma naqset qatt. Ġorġ Pisani kiteb għadd sabiħ ta' xogħlijiet letterarji. Fosthom insibu antoloġiji ta' poeżiji bħal **Għid taż-Żgħożija**, drammi bħal **Is-Sengħa tal-Imħabba**, ġabra ta' novelli **Evviva l-Ħajja**, esejs, rumanzi bħal **Beraq u Qawsalli** u **Żerniq fuq l-Għoljiet**, u anke ta' ġabra ta' leġġendi lokali bl-isem ta' **Għawdex Joħlom bil-Leġġendi**.

Imma Pisani żgur li jibqa' magħruf l-aktar bħala poeta - Il-Poeta taż-Żgħożija. Pisani hu poeta romontiku per eċċellenza. U aspett importanti fix-xogħol ta' poeta romantiku hu l-patrijottiżmu - l-imħabba lejn il-patrija. Pisani ma naqasx milli jagħtina kitbiet poetiċi b'tema patrijottika. Dawn il-poeżiji tiegħu nistgħu naqsmuhom fi tnejn: dawk li jitkellmu dwar l-ilsien Malti u dawk li jitkellmu dwar Malta, art twelidu.

Pisani beda l-karriera poetika tiegħu meta l-ilsien Malti kien għadu meqjus bħala l-lingwa tal-kċina u meta l-Maltin ma kellhom ebda dritt fuq art twelidhom. Kien żmien meta kien hemm bżonn li l-Malti jiġġieled għall-identita' nazzjonali tiegħu. Ħafna kienu dawk il-kittieba Maltin li wieġbu għal din is-sejħa. Fosthom kien hemm l-istess Pisani, li influwenzat mill-poeta nazzjonali Dun Karm, kiteb kemm felaħ biex artna tieħu dak li bi dritt kien tagħha. Fost ix-xogħlijiet li jitkellmu dwar l-ilsien Malti insibu **Lill-Ilsien Malti** u **Lil Mikiel Anton Vassalli**. Din ta' l-aħħar, barra li hi eloġju lil wieħed mill-akbar patrijotti Maltin, turi l-ferħ tal-poeta għall-aħbar li l-ilsien Malti kien se jsib postu bħala l-ilsien uffiċjali tal-pajjiż:

**Dalwaqt jisbaħ jum ġdid, jum kollu dija,**
**u sseħħ, missier, il-ħolma tiegħek kbira:**
**Malta fil-Lsien u l-Qalb, Malta Maltija.**

Il-patrijottiżmu ta' Pisani ma' hux marbut biss mal-ġlieda għall-ilsien Malti. Hu minn dejjem ħass il-bżonn li juri l-kobor ta' Malta u għalhekk kiteb dwar l-istorja tagħha wkoll. Dan il-fatt tah il-fama ta' Poeta ta' l-Istorja. Hawn il-poeżija ta' Pisani turi ċerta oriġinalitita' li ma ssibha f'ebda poeta kontemporanju ieħor u min ipprova jimitah, tana biss kopji dgħajfa. Din l-oriġinalita' kienet tikkonsisti mill-fatt li l-poeta jitratta l-postijiet marbuta ma' l-eqdem ġrajjiet tal-gżira. Dawn il-postijiet donnhom affaxxinaw lil Pisani b'mod li joħloq minnhom bħal leġġendi li waqt li jagħtuhom il-ħajja, joħorġu wkoll l-importanza tagħhom fl-istorja ta' art twelidna. Hekk insibu fost l-oħrajn il-poeżiji **Kemmuna, F'Ħaġar Qim, Għar Dalam** u **Il-Ġgantija t'Għawdex**. Għalkemm dawn kollha huma ta' livell poetiku għoli, din ta' l-aħħar bħal tispikka fuq sħabha minħabba s-simboliżmu li hemm moħbi bejn il-versi tagħha. F'din il-poeżija Pisani bħal ried jorbot il-ġest patrijottiku tat-tfajla li tmut martri għal Għawdex tagħha mas-sagrifiċċju estrem li wettqu bosta Maltin matul iż-żminijiet.

**U għajtet b'leħen għoli**
**"La darba xejn għal dan ma jiswa drieghi**
**Nagħtihom jien, ħajti u xbubiti,**
**Immut għal Għawdex tiegħi."**

Il-poeżija ta' Pisani ma kenitx biss is-sejħa nazzjonali ta' wieħed li ħabb lil artu aktar minn kull ħaġa oħra. Kienet ukoll espressjoni sentimentali u awtobijografika ta' min, biex jesprimi dak li kien iħoss, indqeda bil-versi. Fil-kelmtejn li kiteb bħala daħla għall-antoloġija **Il-Walz tad-Dellijiet**, il-poeta jistqarr li "l-versi m'humiex ħlief impressjonijiet ħfief ta' bniedem li, fin-niket jew fil-ferħ, fis-sabiħ u fl-ikraħ, isib l-espressjoni tat-tqanqiliet ta' ruħu fil-hena tal-poeżija." Din l-istqarrija sinċiera hi msaħħa minn xogħlijiet letterarji mill-aqwa u li ma jagħmlux għajb lil kittieba kontemporanji kbar bħalu, Dun Karm Psaila u Rużar Briffa. Poeżiji bħal **Fuq il-Bir Tal-Kunvent, Għanja Moħbija**, u **Triqat Mitlufa** juru kif dan il-bniedem kellu hu ukoll il-mumenti tal-kriżi u l-inċertezza bħal kull bniedem ieħor. Madankollu l-poeta tagħna kien idealista kbir u t-torċa ta' l-idealiżmu baqa' jġorra dejjem u sa l-aħħar. Għalhekk ma jistax jonqos li f'kapulavuri bħal **L-Għolja, Pax**, u **Il-Barri** Pisani ma jiddefendix liż-żgħażagħ, l-idealisti ta' kull żmien li spiss huma vittma tal-egoiżmu u rgħiba tal-kbar.

**Imb'għad x'ħin f'ġismu ħass ix-xafra diehla**
**Li qajla , qajla bdiet taħroġlu demmu,**
**Il-barri ħares, donnu ried jistaqsi:**
**Għaliex? lil min kien qed itemmu.**

***Il-Barri***

Pisani mar. Imma Pisani jibqa'. Poeta ma jintemmx - poeta jibqa' ħaj anke meta jkun sab il-mistrieħ tiegħu. Is-Sur Ġorġ kien jafu dan u għalhekk kif jistqarr hu stess fil-poeżija Taħt Siġra taċ-Ċipress, ma kienx jibża' mit-tmiem. Kien jemmen li s-sehem tiegħu (Pars Mea) ma kienx il-ġid materjali imma d-don ta' għannej għax dan id-don hu dak li jżommu ħaj ġo qlubna għal dejjem.

**Le, ma ngħirx għal għomrok diemi,**
**Le ma rridx dat-tul ta' jienı,**
**Jien fil-għana nħalli qalbi**
**Għax fil-għana ngħix bla tmiem.**

***Lil Palma Xiħa***

**14 ta' Marzu 1999**

*jaqbad minn paġna 4*

## L-AĦĦAR TISLIMA LIL ĠORĠ PISANI

mhux b'fommu imma b'imġiebtu, bl-eżempju tiegħu.

Nisrani Kattoliku li kellu l-familjarita' ma' Alla u mal-knisja li għandu jkollu kull Kattoliku. Familjarità rispettuża, ta' kollaborazzjoni ma' l-Isqof, u l-Arċipriet u s-saċerdoti, ta' xhieda Nisranija li tikkonvinċi lil min josservaha u tiġbdu għal żieda u approfondiment ta' l-impenn Nisrani.

Dan hu Ġorġ Pisani li niftakru u li ma ninsew qatt: figura ta' kultura kbira,ċittadin serju u eżemplari, Kattoliku li apprezza tabilħaqq il-Grazzja Nisranija u għamel ħiltu biex jgħixha f'lealta sħlha u kostanti mal-Knisja.

Għalhekk, illum, il-Knisja, li hi ħanina wkoll ma' min ma jafhiex jew ikasbarha, ma tistax tonqos milli tkun interpretu tal-ħajja tiegħu lil Alla, ta' l-imħabba tiegħu lejn Alla u tat-talba tiegħu f'riġlejn Alla: "Min qiegħ l-art insejjaħlek, Mulej; isma, Sidi, il-leħen tiegħi.

Din it-talba Alla qiegħed jismagħha bi ħniena u qed iweġibha b'imħabba. It-tweġiba ta' Alla tinsab f'Ġesù Kristu. Smajnieh jgħid "Jien hu l-qawmien u l-ħajja; kull min jemmen fija, imqar jekk imut, ikollu l-ħajja u kull min hu ħaj u jemmen fija ma jmut qatt". Il-Kelma li għana kif smajna fis-silta tal-Vanġelu tallum hi xhieda tal-preżenza ta' Kristu fostna.

Ix-xirka tagħna f'ismu hi wkoll sinjal tal-preżenza tiegħu fostna: "Fejn hemmtnejn jew tlieta jinġabru f'ismi hemm jien inkun f'nofshom".

Iżda s-sinjal l-iktar elokwenti li juri li Ġesù Kristu jinsab hawn preżenti hija l-mewt.

Fejn hemm il-mewt, hemm jinsan Ġesu'. Hu għalhekk ġie fid-dinja: biex jikkonbattiha u jegħlibha.

Ġie biex, kif jissuġġerilna Santu Wistin, fejn hemm il-mard, Iġib is-saħħa; fejn hemm it-taħsir Iġib l-integrita'; fejn hemm il-hemm iġib il-faraġ; fejn hemm il-biki jġib il-ferħ; fejn hemm il-mewt iġib il-ħajja.

Hawn Ġesù fostna, biex jgħidilna kelma ta' sliem, bħalma qal lil oħt Lażżru: Jien hu l-qawmien u l-ħajja: kelma ta' sliem għal ħuna Ġorġ, u għalina.

Hawn Ġesù fostna, biex isaħħaħna b'kelma ta' tama, kelma li d-dinja tiddisprezzha, bħalma kienu ddispreazzawha qrabat Ġajru, li Ġorġ Pisani mhux mejjet, bħal Talitha ma' kinitx mejta, imma rieqaed fl-istennija ta' leħen l-Anġlu tal-Qawmien.

Hawn Ġesù fostna, biex itenni l-kelma ta' faraġ li biha farraġ lil oħt Lażżru: Jien hu l-qawmien u l-ħajja.. kull min hu ħaj u jemmen fija ma jmut qatt.

Hawn Ġesù fostna u qiegħed isemmagħlna kelma ta' twissija: Ishru! X'jiswielu l-bniedem li jikseb id-dinja kollha, jgħix ħajja twila, ta' suċċess fuq ieħor.... u mbagħad jitlef ruħu! Ħaddmu tajjen żmienkom fuq l-art; ilbsu l-libsa tat-tieġ u ħejju rwieħkom għal dak il-waqt li fih il-leħen t'Alla jsejħilkom.

Hawn Ġesù fostna biex ifakkarna fid-dmir u fir-responsabilta' li għandna li nħobbu lil ħutna li ħallew din il-ħajja.

Aħna nafu li bil-mewt, il-bniedem jitlef kull fakulta li jakkwista merti għalih innifsu permezz ta' għemejjel tajba.

Aħna nafu, għax tgħallima l-Fidi Kattolika, li Alla lil bniedem, lil bniedem li jkun "miet", ma jabbandunahx, imma jisma' t-talb li jsir għalih.

Aħna nafu, għalhekk, li f'ubbidjenza lejn il-kmandament ta' l-imħabba tal-proxxmu, għandna d-dmir li nitolbu u nissufragaw il-mejtin tagħna,

Appuntu, Ġesù preżenti fostna, ifakkarna wkoll f'dan id-dmir.

Iva, hawn Ġesù fostna biex jgħdilna kelma ta' imħabba: "Ejjew għandi intom ilkoll li tinsabu mħabbtin u jien inserraħħkom".

Nilqugħ lil Ġesù li jinsab fostna u nilqgħu l-Kelma tiegħu: kelma li tagħmel minna, il-ġemgħa li hawn miġbura,

ĠEMGĦA TA' MĦABBA: imħabba lejn Alla, imħabba lejn xulxin, imħabba lejn ħħutna;

Kelma li ragħmel minna

ĠEMGĦA TA' FARAĠ: għal martu, Rose, għal ibnu Paul George u l-familja tiegħu, għal qrabatu u ħbiebu;

Kelma li tagħmel minna

ĠEMGĦA TA' ĦNIENA: għal ħuna Ġorġ li għandu bżonn imħabbitna.

Nagħtuhielek, iva, imħabbitna, Ġorġ Pisani! Poeta ta' Għawdex tagħna! Poeta Malti! Poeta!

Ħa titla' l-imħabba tagħna bħal inċens ifuħ quddiem it-tron ta' Alla biex juri ħniena miegħek, jagħtik il-mistrieħ li jixraqlek u jdaħħlek fil-mergħat tal-ġmiel ta' dejjem.

Aħna ċerti li Alla se jisma' t-talba tagħna u tiegħek.

"Minn qiegħ l-art insejjaħlek, Mulej; isma' Sidi, il-leħen tiegħi".

Iva, jismagħha, bl-interċessjoni tad-difensur tagħna San Ġorġ Martri u ta' l-Omm tiegħek u tagħna, il-Verġni Mbierka. ●

## Nifirħu

Nixtiequ nifirħu lill-membri ta' Għaqda Żgħażagħ La Stella għall-premjijiet li rebħu fil-kompetizzjonijiet tal-Karnival ta' din is-sena. Dan huwa xhieda ta' l-impenn ta' ħafna membri li jesti jagħtu ħafna mill-ħin liberu tagħhom sabiex is-Soċjeta' La Stella tkun tista' tippartecipa b'wiċċha minn quddiem fl-attivitajiet tal-Karnival. Ta' min ifakkar l-isforz kbir li għamlu bosta partitarji sabiex għallmu ż-żfin lit-tfal.

Aħna nemmnu li attivitajiet bħal dawn jgħinu liż-żgħażagħ jagħrfu jisfruttaw il-kapaċitajiet li għandhom u għahekk għandu jkompli jsir kull sforz possibbli sabiex Iż-żgħażagħ jingħataw ċans jesprimu t-talenti tagħhom. Prosit tassew!



# Rokna tal-Tfal

Reġa' wasal Iż-żmien biex niltaqgħu għal ftit ħin flimkien u ngħidu kelmtejn bejnietna. Jiena rrid nittama li kellkom Randan tajjeb, b'ħafna penitenza, talb u karita', u kif ukoll Għid mill-aqwa, mimli, fost affarijiet oħra, b'ħafna figolli u bajd taċ-ċikkulata. Il-vaganzi ta' l-Għid għaddew ukoll u issa erġajtu dħaltu l-iskola u qegħdin tħejju għall-eżamijiet anwali.

Xi whud minnkom dis-sena se tirċievu s-Sagrament tal-Griżma ta' l-Isqof. Nittama li tinsabu mhejjijin tajjeb. Issa mhux ser tibqgħu tfal żgħar, imma se ssiru adulti, jiġifieri se tiġu magħduda mal-kbar. Tridu issa taħsbuha u ġġibu ruħkom bħall-kbar. Issa se tikbru u n-nies se thares lejkom daqs li kieku kontu rġiel u nisa fl-aħjar tagħhom. Qisu li issa ġġibu ruħkom ta' kbar u tkunu ta' eżempju tajjeb għal min hu iżgħar minnkom u għal dawk kollha li tiltaqgħu magħhom fil-ħajja tagħkom ta' kuljum.

Hemm tfal oħra, li huma Iżgħar fl-eta', li se jirċievu għall-ewwel darba s-Sagrament ta' l-EwkaristijaLil dawn għidilhom biex jagħmlu mill-aħjar li jistgħu biex jgħixu ħajja tajba mingħajr dnub wieħed venjal u dik il-libsa bajda li se jilbsu dak in-nhar tal-festa tagħhom, Iżommuha bajda kif inhi, bogħod minn xi tebgħa li tista' tħassarilhom, Lil dawn ngħidilhom: issa tridu tkunu iktar ubbidjenti lejn il-ġenituri, l-għalliema u l-katekisti tagħkom u lejn dawk kollha li jieħdu ħsiebkom. Qisu li lil Ġesu' tirċevuh mhux biss fl-Ewwel Tqarbina tagħkom, Iżda f'kull tqarbina li tagħmlu ta' kuljum.

Tfal, dan ix-xahar ta' April iġib miegħu l-festa tal-Patrun għażiż tagħna San Ġorġ, u dan jaħbat fit23 tax-xahar. Qisu li lil San Ġorġ thobbuh ħafna u bis-serjeta'. U thobbu ħafna u bis-serjeta' jfissru li timitawh u tixbhuh fl-imħabba tiegħu lejn Alla u lejn il-proxxmu. Lil Alla thobbuh billi ma tagħmlux dnubiet, u lill-proxxmu tagħkom thobbuh billi tgħinuh fil-ħtiġijiet kollha tiegħu u b'kull mod.

Aqraw din l-istorja.

Kien marid; kien xiħ u mċerċer, mitluq fl-għarix fqajjar tiegħu. Ġie tabib jinviztah. Wara elf test qallu li kien isofri minn nuqqas ta' ikel u billi kien espost għal kundizzjonijiet differenti ta' temp, is-sitwazzjoni setgħet tiggrava ruħha.

Imbagħad wasal fil-post professur. Qal lil-ġisem ma jistax jibqa' jaħli mill-ħażna tiegħu jekk din ma tkunx kompensata b'ikel bnin u sustanzjuz.

Warajh kien imiss lil raġel b'qalb tajba iżda żgħira. Malli ra lix-xwejjaħ magħlub, f'dak il-gorboġ, ma setax iżomm id-dmugħ milli jixref minn ħbub għajnejh. Fil-għaxija ma setax jitrejjaq sewwa x'ħin beda jġib quddiem għajnejh lil dak il-proxxmu li kien għadu kif ra.

Kien għaddej minn hemm raġel imsaħħan u kif ra lil dak il-povru xwejjaħ, ma xebax jgħajjat kontra l-inġustizzji li hemm fid-dinja.

Iżda fl-aħħar wasal raġel li ma kellu l-ebda ittra wara ismu, ma qagħadx jagħmel għaġeb, isabbat jew jixher. Kien fqir għal din id-dinja, imma għani fil-ħniena. Bilġri mar id-dar u ġie lura b'nofs l-unika ħobża li kellu. Xammar il-kmiem tal-qmis u b'idejh stess seta' jirranġa dik id-daqsxejn ta' kamra tal-fqajjar. Kull minuta ħielsa mix-xogħol kien jgħaddija ħdejn ix-xwejjaħ.

Rajtu, tfal, kif għandha tkun l-imħabba tagħna lejn il-proxxmu?

Tata'

*Iz-Ziju Peppi*

# KOSOVO



Il-Kumitat tal-Promozzjoni Umana tal-Parroċċa tagħna f'kollaborazzjoni ma' l-Uffiċċju Caritas tal-Kurja, ħa l-inizjattiva li jiġbor fondi b'risq ir-refuġjati li telqu mir-reġjun tal-Kosovo u li qed isofru bil-kbir. Nhar Ħadd il-Għid il-Kbir, wara kull quddiesa, grupp ta' żgħażagħ għamlu ġabra b'dan il-għan. B'sodisfazzjon kbir ngħidu li sa ġimgħa wara kienu għadhom deħlin il-kontribuzzjonijiet. Sa nhar il-Ħadd, 11 ta' April inġabret is-somma ta' **Lm3017.**



# L-Opra AIDA mill-ġdid fit-Teatru Astra

**L-opra AIDA se tiġi preżentata fit-Teatru Astra nhar is-Sibt 1 ta' Mejju 1999 fl-okkażjoni ta' l-10 Anniversarju minn meta l-AIDA ġiet preżentata għall-ewwel darba f'Għawdex f'dan it-teatru pretiġġjuż. Il-cast eċċezjonali ta' ftit inqas minn 200 ruħ jinkludi solisti, mużiċisti, koristi, żeffiena u extras.**

Oriġinarjament l-**AIDA** kienet ippjanata li ssir f'Ottubru li għadda, iżda minħabba l-elezzjoni li feġġet ħabta u sabta qabel id-data kellha tiġi posposta. Wara l-posponiment ta' l-opra, id-data tar-rappreżentazzjoni ġiet iffista għas-Sibt 1 ta' Mejju.

Matul dawn l-aħħar erba' xhur it-Teatru Astra kompla għaddej bl-isforzi tiegħu biex jibni produzzjoni ta' livell għoli, kif wara kollox jixirqilha din l-opra. Il-projezzjonijiet saru fuq l-aħħar produzzjonijiet operistiċi li tant kisbu suċċess għal dan it-Teatru, partikolarment *Macbeth, Norma, Turandot,* u *La Forza del Destino.*

**IL-KANTANTI SOLISTI**

Is-Sopran Amerikana **Pamela Kucenic** ġiet imsejħa biex tinterpreta l-parti ewlenija ta' ***Aida.*** Il-pubbliku Malti żgur li jiftakar lil din il-brava sopran internazzjonali li ħalliet impatt enormi warajha meta nterpretat b'suċċess il-parti ta' *Lady Macbeth* fl-opra *Macbeth* f'dan it-Teatru fl-1997. Hija mżejna b'vuċi straordinarja u għandha preżenza qawwija fuq il-palk.

Il-parti ta' *Radames* ġiet fdata lit-tenur Spanjol ta' fama internazzjonali **Carlos Moreno.** Moreno jgawdi isem fl-aqwa teatri ta' l-opra, inkluża l-Metropolitan ta' New York, fejn huwa kemm-il darba interpreta din il-parti.

Il-mezzo-sopra Bulgara **Ivanka Ninova** ser tagħmel *come back* fuq il-palk ta' l-Astra wara li fis-snin l-imgħoddija ħadet sehem fl-opri *La Forza del Destino, Nabucco* u *Rigoletto,* fejn ta' kull darba qagħtet figura impekkabbli. Fl-***Aida*** hija ser tinterpreta l-pari ta' *Amneris.*

Żewġ kantanti oħra li huma għal kollox ġodda għall-gżejjer Maltin huma l-Baritonu **Andrew Smith** u l-Baxx **George Reed.** Andrew Smith ser jinterpreta l-parti ta' *Amonasero,* filwaqt li George Reed ser jidher bħala *Ramphis.* It-tnejn li huma jgawdu reputazzjoni mill-aqwa fil-qasam operistiku. F'dawn l-aħħar tlett staġuni isimhom kien fost dawk l-aktar imfittxija fl-aqwa teatri fl-Amerika.

Żewġ kantanti lokali li ġew magħżula għal partijiet sekondarji fl-opra huma s-Sopran **Rosabelle Pavia** fil-parti ta' Saċerdotessa u t-Tenur **Arthur Micallef** bħala l-Messaġġier.

**CAST KBIR TA' 200 PERSUNA**

Flimkien ma' dan il-*cast* ta' kantanti ser jingħaqdu l-Kor ta' l-Opra tat-Teatru Astra, immexxi mis-Sinjorina **Maria Frendo,** flimkien ma' l-**Orkestra Nazzjonali** li għal din l-okkażjoni se tkun imsaħħa b'għadd sabiħ ta' mużiċisti oħra. Id-Direttur Mużikali huwa l-**Prof. Joseph Vella,** li għal dawn l-aħħar snin kien responsabbli mill-produzzjonijiet operistiċi kollha li saru fit-Teatru Astra.

Żewġ gruppi ta' żeffiena ser jieħdu sehem fl-opra. Dawn huma l-"Academy of Ballet" ta' **Tanya Bayona Prencess Poutiatine** u l-**Mill Room Studio.**

Saret sejħa fost numru kbir ta' atturi Għawdxin sabiex jieħdu sehem bħala extras fl-opra, partikolarment għax-xena tal-Marcia Trijonfali fit-Tieni Att, u r-rispons kien tajjeb ħafna. Bejn kantanti, koristi, mużiċisti, żeffiena u *extras,* madwar 200 persuna mistennija jieħdu sehem fl-**AIDA.**

Ix-xenarju qed jinħadem kollu ġdid taħt it-treġija ta' l-artist Għawdxi **Joseph Cauchi** u l-muntaġġ tas-sett qed isir minn **Carmel Zammit** u l-*crew* tiegħu ta' wara l-palk. Il-kostumi ġew meħjuta minn team ta' għaxar ħajjata tat-Teastru fuq disinni mħejjija minn **Manuel Grima** u **George Farrugia.** Thejjijiet oħra fuq il-palk attwalment qed isiru minn **George Mizzi.**

Id-Direzzjoni Artistika ta' l-opra hija ta' **Joseph Bascetta,** l-istess Direttur li tella' b'suċċess l-aħħar żewġ produzzjonijiet operistiċi f'dan it-Teatru.



JOSEPH BASCETTA



PAMELA KUCENIC



ANDREW SMITH



GEORGE REID

A+M Printing Ltd. - Qala - 553217